**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Tristan Falzon**

Numru: 1178/2014

Illum 10 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Tristan Falzon**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Carmelo u Georgina neé Spiteri, imwieled Pietà nhar it-23 ta' Lulju 1982, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 402382(M) u residenti 64, Triq it-23 ta' April, Qormi akkuzat talli:

1. fil-15 ta' Ottubru 2007 ghall-habta ta' bejn il-11:00 u 11:15hrs mir-residenza bin-numru 46, li tinsab fi Triq Santa Tereza Ghaxaq, ikkommetta serq ta' Lm45 liema serq huwa aggravat bil-vjolenza li kienet diretta lejn persuna li kienet ghalqet l-eta' ta' sittin sena, bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta'

Rozanna Mugliett (Artikoli 261(a)(b)(e), 262(1)(a), 263(a), 269(g), 276, 276A, 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fil-15 ta' Ottubru 2007 ghall-habta ta' l-11:30hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar (Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 21 *et seq.*).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016 (*a fol.* 28), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016 (*a fol.* 28), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Rat il-*Pre-Sentencing Report* mhejji mill-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie ezebit fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 u li gie mmarkat bhala Dok. "MFS 1" (*a fol.* 47 *et seq.*)

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, id-depozizzjoni moghtija mill-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, lid-difiza tiddikjara li kienet qed taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler fir-rapport tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (*a fol.* 3 *et seq.*), l-istqarrija (Dok. "FF 2" – *a fol.* 32 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, u, kif ukoll, ir-rapport mhejji mill-*Probation Officer* (b'mod partikolari l-parti msemmija "Konkluzjonijiet" li tinqasam f'"Fatturi Identifikati" u "Pjan ta' Kura", u kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-istess rapport), liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MFS 1" (*a fol.* 47 *et seq.*).

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija sopportata mill-*Pre-Sentencing Report* mhejji mill-*Probation Officer*, li l-imputat Falzon jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputat jinghata cans iehor sabiex jirriforma hajtu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat Artikoli 110(2), 261(a), 261(b), 261(e), 262(1)(a), 263(a), 269(g), 276, 276A u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Tristan Falzon hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Tristan Falzon jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-*probation*, u bil-kundizzjonjiet l-ohra ndikati fl-istess ordni hawn anness, inkluz dik ta' ordni ta' trattament kontenuta fl-ordni.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa

ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Tristan Falzon bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Tristan Falzon.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi din is-sentenza jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-servizz fil-komunita'.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**